

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Ottubru 2007

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' protokoll addizzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra, biex tittieħed in kunsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

(2008/74/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod speċjali l-Artikolu 310, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "TDCA") bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra ġie ffirmat fi Pretorja fil-11 ta' Ottubru 1999. Dan ġie konkluż fis-26 ta' April 2004 ⁽¹⁾.
- (2) It-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005.
- (3) Fit-23 ta' Ottubru 2006 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex tinneogzja mar-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel Protokoll Addizzjonali għat-TDCA biex tittieħed in kunsiderazzjoni s-sħubija taż-żewġ Stati Membri l-ġodda fl-Unjoni Ewropea,
- (4) Dawn in-negozjati ġew konklużi għas-sodisfazzjoni tal-Kummissjoni.

- (5) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu fi stadju aktar avanzat, il-Protokoll Addizzjonali issa għandu jiġi ffirmat fisem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha. Il-Protokoll Addizzjonali għandu japplika fuq bażi provviżorja, sat-tlestija tal-proċeduri rilevanti għall-konklużjoni formali tiegħu.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra biex tittieħed in kunsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea huwa b' dan approvat fisem il-Komunita' suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi Protokoll Addizzjonali.

It-test tal-Protokoll addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li jiffirmaw, fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra, biex tittieħed in kunsiderazzjoni s-sħubija tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU L 127, 29.4.2004, p.109.

Artikolu 3

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom japplikaw b'mod provviżorju t-termini tal-Protokoll Addizzjonali mill-1 ta' Jannar 2007, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem.

Magħmula fi Luxembourg, 9 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F. TEIXEIRA DOS SANTOS
